# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Oliver Camilleri

Illum 14 ta’ Lulju 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Oliver Camilleri, bin Walter u Anna nee Vella, imwieled fit-13/09/1989, residenti 9, The Cottage, Triq it-Tumbrell, Xghajra u li għandu n-numru ta’ karta tal-identità 428589M;

Billi int akkużat talli fit-23 ta’ Diċembru 2022 għall-ħabta ta’ 11:20hrs ġewwa Triq il-Gvern Lokali, Marsa, soqt vettura b’ numru ta’ reġistrazzjoni IBT302;

1. Soqt vettura Nru IBT302 b’manjiera perikoluża Sec. 15(1)(a)(2) Chap.65
2. U aktar meta b’ nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’ nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunajt offiżi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Justin Borg skond kif iċċertifika Dr. Ryan Camilleri M.D. mill-M.D.H. Sec. 226 Chap.9

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat/a mill-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’ każ ta’ ħtija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-liġi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 u fil-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha, x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS1304 C.Seychell** xehed permezz ta' affidavit.

**Dr.Ryan Schembri,** li huwa impjegat fl-Isptar Mater Dei, xehed permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidrat**

**<u>Justin Borg, xehed hekk</u>**

Pros: Mela Justin inti kont involut jew assistejt rajt xi incident?

Xhud: Iva.

Pros: Mela għid lil Qorti meta ġara u fejn bħala post?

Xhud: Kien it-22 ta' Diċembru 2022, il-Marsa, quddiem Schembri tal-batteries. Il-karozza ta' quddiemi waqfet fuq zebra cross, jien waqaft warajha u hemmhekk.

Qorti: Inti x'karozza kellek u x'numru?

Xhud: Bl-amment minn dak iż-żmien ma nafx għax inbidlet, kienet Toyota Aygo tal-kumpanija kienet. Il-karozza ta' quddiemi waqfet, jien waqaft warajha, u t-trakk daħal ġo fina prattikament jiena ġejt?

Qorti: It-trakk minn fejn ġie?

Xhud: Minn fuq wara mit-Toyota Aygo u mexxiena ta fuq quddiemi u ta' quddiemi mexa wkoll.

Qorti: Kien hemm xi pedestrian qed jaqsam minn xi haga hekk?

Xhud: Apparentement iva hekk naħseb.

Qorti: Inti ħriġt mill-karozza?

Xhud: Jiena hrigt mill-karozza Iva.

Qorti: Int weġġajt?

Xhud: Iva, għonqi u dahri.

Qorti: Jiena natura ħafifa għandi hawn.

Xhud: Hekk hu.

Qorti: Jigifieri fieqt?

Xhud: Hekk hu.

Pros: Jigifieri inti sinjur li kien qed isuq it-trakk rajtu?

Xhud: Iva.

Pros: Tista' tindikah hawnhekk fl-awla?

Xhud: Dak is-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indika lill-imputat.

Avu: Mela meta avviċinajtu lejn zebra crossing rajt lil xi ħadd kien qed jistenna biex jaqsam?

Xhud: Min-naħa tiegħi ma stajtx nara.

Avu: Meta waqaft rajt xi ħadd qed jaqsam?

Xhud: Ma kellix ċans għax smajt twerżieqa tat-tajers ġejjin minn warajja dak il-hin.

Avu: Il-karozza ta' quddiemek fejn waqfet jekk jogħġbok?

Xhud: Qabel iz-zebra cross.

Avu: Kif taf li waqfet qabel iz-zebra crossing jekk lanqas taf jekk kienx hemm nies fuq iz-zebra crossing jew jistennew biex jaqsmu?

Xhud: Naf għax id-distanza fejn kienet fejn waqfet.

Avu: X'kienet id-distanza?

Xhud: Id-distanza hija li waqfet qabel iz-zebra cross.

Avu: Kont taf li waqfet qabel iz-zebra cross?

Xhud: Iva.

Avu: L-impatt li inti soffrejt x'gara spjegali naqra mela inti kont bilqeghda fil-vettura hassejt daqqa minn wara u bhala distanza kemm imxejt tini distanza kemm imxejt?

Xhud: Mela skond l-iskid marks tat-tyres li kien hemm mal-art.

Avu: Le mhix dik il-mistoqsija.

Xhud: Li nista' ngħidlek jien nista' nghidle li l-karozza quddiemi spiċċat tipponta fuq iz-zebra cross fuqha spiccat fuqha, jiġifieri aktar ovvjament aħna mxejna biżżejjed biex.

Qorti: Qed jgħidlek li qabel ma kienx fuq iz-zebra crossing u wara spiċċa fiz-zebra crossing.

Avu: Xejn sinjura.

**<u>Gillian Farrugia xehdet hekk:</u>**

Pros: Mela inti kellek xi incident jew rajt xi incident?

Xhud: Ehe Kont involuta f'incident.

Pros: Meta gara u fejn il-post?

Xhud: F'Dicembru u gara l-Marsa.

Pros: Tal-liema sena?

Xhud: Mhux Dicembru li ghadda ta' qabel 2022, jiena kont ghaddejja bil-karozza u kien hemm ragel ha jaqsam minn fuq zebra crossing u ovvjament waqaftu fuq iz-zebra crossing u mbaghad baqghu dehlin go fija kellna incident bejn tliet karozzi.

Qorti: Jigifieri minn x'gara ezattament bejn 2 vetturi ta' warajk ma tafx?

Xhud: Le.

Qorti: Meta hrigt rajt il-karozza ta' warajk fejn kellha danni jekk hux quddiem biss jew quddiem u wara?

Xhud: Ta' warajja quddiem u wara.

Qorti: U ta' wara nett kellu fuq quddiem biss allura?

Xhud: Iva.

Qorti: Ghall-grazzja t'Alla ma weggax ma kienx lahaq beda jaqsam konsegwenzi taz-zebra crossing?

Xhud: Le le.

Pros: Il-Persuna li kien qed isuq ta wara li kien ta wara tarfu hawnhekk ta' wara nett mhux ta' warajk ta warajh, tista tindikah?

Xhud: Dak t'hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Avu: Mela sinjura meta waqaft inti biex cedi lil dan l-individwu biex jaqsam it-triq?

Xhud: Normali kif rajtu waqaft qabel minn zebra crossing ma waqaftx il-boghod hafna kwazi ma zebra

**Oliver Camilleri xehed hekk:**

Xhud: Iva nahlef, mela ha nirrakkontalek x'gara ezatti mela aħna konna għaddejjin mit-triq tal-Marsa fejn Schembri batteries ma kontx għaddejt xi velocita' iktar minn 30. Issa jiena insuq l-vann qiegħed fl-għoli kif għaddejjin wara xulxin indunajt li l-karozza ta' quddiem ta' quddiemi waqfitli f'daqqa, u jiena mbuttajt lil ta' quddiemi imbuttajt.

Qorti: Kemm kont il boghod mill-karozza qabel l-inċident?

Xhud: Distanza bejn wieħed u ieħor b'4m u 4.5m.

Qorti: Allura f'4m jew 4.5m ma rnexxilekx tieqaf?

Xhud: Il-vann kien qiegħed bil-vojt 4m u nofs il-vann.

Qorti: Allura għalfejn zammejt 4 metru u nofs biss distanza jekk taf li l-vann ma jieqafx f'4m u nofs?

Xhud: Il-vann jieqaf, waqaf għax għandu brejkijiet tajbin għax li kieku ma għandux brejkijiet tajbin kont nieħu daqqa ikbar.

Qorti: Imma inti qed tghidli għedt f'4m u nofs ma jieqafx allura għax ma zammejtx iktar distanza minn 4m u nofs?

Xhud: Ma waqafx għax tkaxkar.

Qorti: għaliex tkaxkar sinjur?

Xhud: Ma nafx għaliex tkaxkar għax il-brejkijiet kollha zamnu ma kontx għaddej b'velocita qawwija.

Qorti: Xorta kienet biżżejjed biex tibqa' dieħel go quddiemek għax inti stess għedt li f'4m u nofs?

Xhud: Jien ma nafx il-vann imma d-daqqa li tajt jiena imbuttat jiena imbuttat, imbuttajt għal fuq ta' quddiem u l-karozza ta' quddiem jekk tara r-ritratti qiegħda go nofs il-zebra.

Qorti: Imma għax imbuttajtha inti qeghda go nofs iz-zebra crossing.

Avu: Mela dawk ir-ritratti min ħadhom u meta?

Xhud: Jien hadthom jiena dawn ir-ritratti.

Avu: Dwar xiex inhuma?

Xhud: Mela il-vann kif kif kien kif inhu issa li ġara id-daqqa din il-karozza l-ewwel wahda bid-daqqa li m'għandha xejn ta' quddiem tista' tghid m'għandha xejn għandha forsi wara l-bumper, imma litteralment qiegħda.

Avu: X'inhuma Oliver biss?

Xhud: Dawn ir-ritratti huma tal-accident.

Qorti: Jigifieri inti qed tghidli qabel l-aċċident l-ewwel karozza kienet diġa fuq iż-zebra crossing?

Xhud: Ma kontx qed naqsam jien hemmhekk.

Qorti: Għax inti għandek hekk qisek implikajt li kien diġa fuq iż-zebra crossing?

Xhud: Le ma kontx qed naqsam l-aħjar ngħid hekk.

Qorti: Aħjar toqgħod attent x'qed tgħid sinjur għax bil-gurament qiegħed.

Avu: Oliver mill-impatt kemm caqalqet bħala distanza?

Xhud: Ma ċċaqlaqtx iktar minn metru u nofs.

Avu: Daqshekk.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi mix-xhieda tal-akkuzat jirriżulta lampanti da parti tiegħu nuqqas ta' prekawzjoni u osservazzjoni adegwata, tant iktar fid-dawl tal-fatt li l-inċident inkwistjoni seħħ fiż-żona ta' *zebra crossing*. Din l-imġiba tirriżulta fiż-żewġ (2) imputazzjonijiet kontra l-akkuzat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9, u fil-L.S. 65.18 Artikolu 36B kif ukoll fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda, ssib lil Oliver Camilleri ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah komplessivament għal multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200), tnaqqis ta' għaxar (10) punti mill-liċenzja tas-sewqan, u tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal tliet (3) xhur.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**